# Kliem Itir

Din mhix biss vetrina ta' studji importanti dwar il-Malti fil-livell ta' Baċellerat li jkunu tressqu f'sena partikolari. Ħarġa ħarġa qed indommu sensiela ta' artikli li jħaddmu u jiżviluppaw il-lingwaġġ akkademiku bil-Malti. Fl-isfond ta' lingwa li f'bosta oqsma għadha qed titfarfar, ix-xogħlijiet miġburin f'din ir-rivista huma kontribut għall-għarfien u għar-riċerka daqskemm mezz biex tissawwar terminoloġija speċjalizzata u riżorsi lingwistiċi bil-Malti.

Huma u jiktbu, l-istudenti u t-tuturi tagħhom jisfidaw il-konfini tal-espressjoni akkademika bil-Malti. Billi jintroduċu termini tekniċi. Billi jħaddmu termini proposti minn ta' qabilhom f'kollokazzjonijiet u f'kuntesti friski, u allura jistandardizzawhom. Mhux bħal f'eżerċizzju dejjaq, kważi kliniku, ta' tiswir ta' termini maqlugħin mill-kuntest. Mhumiex għasafar ibbalzmati f'mużew. Dan kliem ħaj. Jittajjar minn binja sintattika għal oħra. Iżoqq inflessjoni ġdida, imqar jekk stramba, għax meħtieġa. Jibdel rixu hu u jikber magħna. U aħna miegħu.

Michael Spagnol
Diċembru 2023

*Nifirħu lil Sara Abela li rebħet il-Premju Ġużè Aquilina u lil Romilda Pace li rebħet il-Premju Oliver Friggieri.*